MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 2221/2000/1

**Joseph Borg.**

**-vs-**

**Claudio Borg u Mario Borg.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fid-29 ta' Settembru 2000 li permezz taghha l-attur ppremetta:

Illi l-kontendenti huma ko-proprjetarji ta' zewg garages adjacenti u mniffda flimkien bin-numri tnejn u tletin (32) u

tlieta u tletin (33), f'Ganu Street, Birkirkara, Malta, inkluza l-bitha retrostanti u l-arja sovvrastanti.

Illi l-attur jippossedi kwota indiviza ta' disa' minn ghaxra partijiet (9/10) mill-istess fond hawn fuq msemmi, akkwistati in kwantu ghal sehem minn ghaxra (1/10) mill-wirt ta' missieru Paolo Borg, sehem minn ghaxra (1/10) akkwistat minn ghand huh Michael Borg permezz ta' kuntratt pubbliku tal-15 ta' Lulju 1992 fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Borg (DOK A), sehem minn ghaxra (1/10) akkwistat minn ghand huh Costantino Borg permezz ta' kuntratt pubbliku tal-25 ta' Lulju 2000 fl-atti tan-Nutar Sandro Schembri Adam (DOK B), sehem minn ghaxra (1/10) akkwistat minn ghand huh Charles Borg permezz ta' kuntratt pubbliku tal-31 ta' Ottubru 1994 fl-atti tan-Nutar Dottor Angelo Sammut (DOK C) u hames partijiet minn ghaxra (5/10) ossia, n-nofs indiviz, akkwistat minn ghand ohtu Tereza Puli permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar John Spiteri tat-12 ta' Jannar 1998 (DOK D).

Illi l-konvenuti jippossedu bejniethom sehem wiehed minn ghaxra (1/10) li huma wirtu minn ghand missierhom Salvatore, hu l-attur Giuseppi Borg li minn tieghu kien akkwistat b'wirt minn ghand missieru Paolo Borg.

Illi l-attur ma jridx jibqa' jippossedi aktar in komunjoni mal-konvenuti u l-istess fond ma huwiex komodament divizibbli bejn il-kontendenti fil-kwoti taghhom.

Illi anke permezz ta' ittra ufficcjali tal-25 ta' Awissu 1999, l-konvenuti gja kienu interpellati sabiex ighidu humiex lesti li ma jibqghux in ko-proprjeta' ma' l-attur, izda baqghu inadempjenti.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tordna l-bejgh bil-licitazzjoni tal-fond msemmi, ossia, zewg garages bin-numri tnejn u tletin (32) u tlieta u tletin (33), f'Ganu Street, Birkirkara, previa n-nomina ta' perit biex jistma l-istess fond.

2. Konsegwentament ghaliex il-prezza tal-fond meta jigi mibjugh m'ghandux jigi diviz bejn il-kontendenti skond il-kwoti rispettivi taghhom.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali hawn fuq msemmija kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenuti ma ppresentawx nota tal-eccezzjonijiet.

Rat il-verbal tas-seduta ts-7 ta' Dicembru 2000 illi permezz tieghu il-partijiet iddikjaraw illi jaqblu illi l-fondi in kwistjoni m'humiex divisibbli jekk ma jinbieghx.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku l-AIC Joseph Ellul Vincenti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Mejju 2003 illi permezz taghha il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob li l-Qorti tordna l-bejgh in licitazzjoni tal-proprjetajiet imsemmija fic-citazzjoni li taghhom hu proprjetarju ta' disgha partijiet minn ghaxra u l-konvenuti decima parti bejniethom. Ma hemmx kontestazzjoni dwar l-entita' tal-ishma.

Ma hemmx lanqas kontestazzjoni li l-proprjeta' mhijex komodament divisibbli ghaliex anke mid-deskrizzjoni tal-

proprjeta' kontenuta fir-rapport tal-perit tekniku, huwa ovvju li ma tistax issir divizjoni komoda tal-proprjeta'.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tordna l-bejgh in licitazzjoni tal-proprjeta 32 u 33, Triq Ganu, Birkirkara u ghall-fini tal-istess bejgh qed tadotta bhala stima dik maghmula mill-perit tekniku Joseph Ellul Vincenti u cioe' s-somma ta' Lm120,000; u tordna li mir-rikavat disgha minn ghaxra jigu assenjati lill-attur u wiehed minn ghoxrin kull wiehed lill-konvenuti Claudio u Mario Borg; l-ispejjes jigu sopportati kwantu ghal disgha minn ghaxar parti mill-attur u wiehed minn ghoxrin kull wiehed mill-imsemmija konvenuti Claudio u Mario Borg.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------